# Il-Ħadd 22.03.2015

1. Illum 22/03, **il-Ħames Ħadd tar-Randan**:
    - Kampanja ta' Karità permezz ta' bejgħ ta' Kejkijiet b'risq Puttinu Cares ikkoordinata mill-Grupp Miżżewġin 2000 fuq iz-zuntier tal-knisja.
    - Tul dawn l-aħħar jiem tar-Randan ser jitqiegħdu qfif fuq l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw lis-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika biex b'ġest ta' Karità u għajnuna jingħataw lill-persuni fil-bżonn.
2. It-Tnejn 23/03:
    - Fil-4:45pm, fil-knisja parrokkjali, niċċelebraw l-Ewwel Qrara għat-Tfal li fil-31/05 ser jiċċelebraw l-Ewwel Tqarbina.
3. L-Erbgħa 25/03, **Solennità tat-Tħabbira tal-Mulej - Il-Lunzjata**.
4. Il-Ħamis 26/03**, Lejliet id-Duluri, Jum iddedikat għar-Rikonċiljazzjoni**:
    - *Filgħodu - Qabel u matul il-ħin tal-quddies.*
    - *Filgħaxija - Mill-4:00pm 'il quddiem.*
    - Fis-5:45pm - Ċelebrazzjoni ta' Maħfra mmexxija minn tal-MUSEUM.
    - Fis-6:30pm - Quddiesa li matulha jibqa' għaddej il-qrar.

      *N.B.* ***Naħsbu għal Qrara tajba u ma nħalluhiex għal nhar id-Duluri minħabba li aħna, s-saċerdoti jkollna quddies aktar mis-soltu u ma nkunux daqshekk disponibbli.***
    - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.
5. Il-Ġimgħa 27/03, **Festa Devozzjonali tad-Duluri**:
    - *Filgħodu:-* Mis-7:00am sat-7:40am - Qrar

      Fit-7:45am - Quddiesa
    - *Filgħaxija:-* Mill-4:30pm sat-8:00pm - Qrar

      Fil-5:30pm - Quddiesa

      Fis-6:30pm - Purċissjoni li tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq Ħlantun, Trejqet it-Twemmin, Triq San Tumas, Triq Ta' Ġawhar, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.

      Wara l-Purċissjoni - Quddiesa kantata.
6. Is-Sibt 28/03:
    - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
7. Il-Ħadd 29/03, **Ħadd il-Palm - Jum iż-Żgħażagħ**:
    - Fit-8:00am - Nitilqu mill-Knisja, u ninġabru fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Santa Marija.
    - Fit-8:15am - Jitbierek iż-żebbuġ u tingħata bidu għall-Purċissjoni li tgħaddi minn: Triq Santa Marija, Misraħ il-Knisja għall-knisja parrokkjali.
    - Fit-8:30am - Inkomplu bil-quddiesa.

      Infakkru lit-tfal tal-katekiżmu biex iġibu l-Karus ta' Mħabba magħhom.
8. Avviżi oħra:
    - Min jixtieq jerfa' fid-Duluri mitlub jidħol jinkiteb fis-Sagristija.
    - Matul dawn il-jiem ser jibda jkollna xi wirjiet marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa li jibdew mill-Ġimgħa 27/03. Tajjeb li nsibu ħin inżuruhom:

      - Il-Wirja mtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Każin San Pawl fiċ-Ċentru Parrokkjali;

      - Il-Wirja mtella' f'garaxx nru 32, Triq Dun Ġużepp Caruana.
9. Matul din il-ġimgħa daħlu:

   - € 410 bħala ġabra speċjali b'risq is-Seminarju. Grazzi mill-qalb.